MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 791/2001/1

**Citaz Nru: 791/01 JA (ritrattazzjoni)**

**Joseph u martu Wilma Vancell.**

**-vs-**

**Emmanuel Magri f'ismu propriju kif ezercenti l-kummerc taht l-isem "Jaws Aluminium".**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Mejju, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fl-10 ta' Settembru 1996 l-atturi ordnaw ghand il-konvenut diversi bibien u twieqi tal-aluminium ghal basement tad-dar

taghhom 142, Triq Patri Indri Vella, Pembroke ghas-somma miftiehma ta' erbgha mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm 429) u dana skond kif jirrizulta mill-anness Dok "JV1" u taht il-partijiet u kundizzjonijiet hemmhekk miftehma.

U illi fil-11 ta' Marzu 1997 l-atturi ordnaw ukoll ghand il-konvenut diversi bibien u twieqi ohrajn ghal imsemmija dar taghhom bil-prezz ta' elf tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm1888) u dana skond kif jirrizulta mill-anness Dok "JV2" u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk miftehma.

U illi fis-17 ta' Marzu 1997 l-atturi hallsu lill-konvenut is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bhala akkont u sabiex jinxtara l-materjal rikjest ghall-imsemmija xoghlijiet.

U illi l-konvenut esegwixxa in parte dawn iz-zewg kuntratti ta' apalt izda x-xoghlijiet maghmulin minnu ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti u mhumiex skond il-kwalita pattwwita kif ukoll illi uhud minn dawn ix-xoghlijiet addirittura ma sarux u dana kif jirrizulta dettaljatament mill-anness rapport peritali markat "JV3" kompilat mill-perit arkitett Anthony Muscat A & C.E.

U illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jersaq ghar-rizoluzzjoni bonarja ta' din il-vertenza izda baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija xoghlijiet maghmulin u konsenjati mill-konvenut lill-atturi fid-dar taghhom 142, Triq Patri Indri Vella, Pembroke, ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti u mhumiex tal-kwalita pattwita u li uhud minn dawn l-imsemmija xoghlijiet ma sarux.

2. Konsegwentement tiddeciedi illi l-kuntratti ta' appalt

datati 10 ta' Settembru 1996 (Dok "JV1") u 11 ta' Marzu 1997 (Dok "JV2") li saru bejn il-kontendenti jigu xolti u tigi rifjusa mill-konvenut lill-atturi s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li thallset mill-atturi kif hawn fuq spjegat u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

3. Tikkundanna lil konvenut, prevja d-debita likwidazzjoni, ihallas id-danni kollha sofferti mill-atturi, inkluz id-danni biex jigi rimedjat u rimpjazzat ix-xoghol hazin u li ma sarx mill-konvenut u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 28 ta' Awissu 1999 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-3 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt, stante illi s-servizzi gew ipprestati b'mod impekkabbli, ix-xoghol sar skond l-arti, is-sengha u l-professjoni, u kien tal-kwalita' pattwita, u dan kollu ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriza s-sentenza moghtija fil-15

ta' April, 2002 fejn gie ordnat is-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-*punto di vista* legali dak li ta lok ghal din il-kawza jista' jigi ri-epilogat fi ftit kliem. L-atturi nkarigaw lill-konvenut biex jaghmlilhom xoghol ta' *aluminium* fil-proprjeta' taghhom u hallsuh akkont is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000). Wara li sar parti mix-xoghol inqala' disgwid bejn il-partijiet b'rizultat li fil-waqt li l-attur ried jittermina l-kuntratt u jiehu l-elf Lira Maltin (Lm1,000) lura, il-konvenut ma riedx ikompli x-xoghol izda jrid izomm l-elf Lira Maltin (Lm1,000) ghax jghid li *piu o meno* dan huwa l-ammont li ghandu jiehu tax-xoghol li lahaq sar. Fil-waqt li l-partijiet jaqblu dwar x'ta' lok ghall-kawza naturalment ma jaqblux ma' l-ahhar parti fis-sens li l-atturi jridu l-flus lura u l-konvenut ma jrid jaghti xejn.

Il-kuntratt tal-appalt hu regolat permezz tal-Artikoli 633 *et sequitur* tal-Kap 16. L-artioli rilevanti ghal dan il-kaz huwa l-Artikolu 1640 li jghid;

*1. Min jaghti x-xoghol jista' jholl meta jrid il-kuntratt ghalkemm ix-xoghol ikun gia beda.*

*2. Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjes kollha u x-xoghol kollhu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-qorti skond ic-cirkostanzi izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

*3. Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appalatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjes ta' l-*

*appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jittiehed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjes u dak ix-xoghol lil min ikun ta' x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*

*4. Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-sub-artikolu (2) jew (3) u l-appalatatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

*5. Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur b'kull mezz li jkun bid-decizjoni tieghu illi jholl il-kuntratt u dan bla htiega ta' ebda awtorita jew konferma tal-Qorti.*

L-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk tiddikjara xjolti l-appalti; barra minn dan qed jitolbu d-danni.

Fuq dan il-punt il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn ticcita ukoll xi sentenzi. Fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Denis Farrugia et vs Joseph Dimech nomine fil-25 ta Frar, 2005 intqal illi;

*Tajjeb li jinghad li f'kaz bhal dan skond gurisprudenza affermata meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt hu affini mall-bejgh. Ara Borg vs Mifsud - Appell Kummercjali 7 ta' Ottubru, 1980.*

Gie ritenut fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Philip Degiorgio vs Kenneth Cole nomine deciza fis-16 ta' Ottubru, 1996, *f'azzjoni simili x-xerrej ghandu ghazla cara; jew jirrifjuta l-haga (u hawnhekk ikun f'loku depositu ta' l-oggetti l-Qorti) imbaghad jitlob id-danni. Alternattivament jircevi l-haga bi prezz orhos u f'dan il-kaz ma hemm ebda menzjoni ta' danni fil-ligi* (f' din il-kawza). *Ix-xerrej ghazel li jzomm l-oggetti u jitlob id-danni, agir mhux kontemplat mil-*

*ligi.* Il-Qorti ccitat ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell (Borg vs Xuereb) deciza fil-25 ta' Jannar, 1989 fejn intqal illi *xerrej jista' jxolji l-kuntratt*

*jekk l-oggett mhux skond il-ftehim pero' ma jistax jitlob dan id-dritt bil-fatt tieghu stess bhala meta jaccetta l-konsenja u wara li jsir jaf bid-difetti jibqa' jzomm il-haga.*

L-atturi ma reggghux lura l-materjal li kien fornihom il-konvenut izda nkarigaw appaltatur iehor biex jirranga dawk li dehrilhom kienu difetti; infatti huma esebew dokument (JV2) li jindika li nefqu elf, mitejn u disgha u sittin Lira Maltin (Lm1,269). B'hekk fil-waqt li l-istimi li kellhom minghand il-konvenut b'kollox ammontaw ghal elfejn, tlett mija u wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm2,341) (Dokumenti JV1 u JV2), spiccaw biex nefqu l-elf Lira Maltin (Lm1,000) li hallsu lill konvenut u s-somma ta' elf, mitejn u disgha u sittin Lira Maltin (Lm1,269) fuq indikata; b'kollox elfejn, mitejn u disgha u sttin Liri Maltin (Lm2,269) u allura nqas minn dak li kienu ser jonfqu qabel. Huwa minnu li l-attur qal fl-affidavit tieghu li x-xoghol li kellhom jirrangaw swielhom sitt mija, hamsa u erbghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm645.27) (fol 59) izda l-*invoice* li ghaliha qed jirreferi jew ma hijiex esebita nkella hija parti mis-somma ta' elf, mitejn u disgha u sittin Lira Maltin (Lm1,269) indikata fid-dokument ukoll indikat JV2 a fol 60. Ghalhekk barra li t-talba ghad-danni m'hijiex legalment gustifikata ma jirrizultax li in effetti l-atturi sofrew xi danni materjali.

Dan ma jfissirx li ma ghandux jigi applikat l-Artikolu 1640 ghax jekk jirrizulta li l-konvenut ghandu jirrifondi xi haga mill-elf Lira Maltin (Lm1,000) li rceva l-Qorti xorta tikkundannah biex jaghmel dan independentement mill-ammont li hallsu l-atturi finalment u dan ghaliex jista' jkun li l-appaltatur il-gdid thallas inqas minn dak li kien ser jithallas il-konvenut. Il-kwistjoni hija liema sub-artikolu ghandu japplika u cioe' jekk kienx hemm raguni valida biex il-kuntratt jigi terminat jew le. Mill-kumpless tal-provi

jidher iktar min ilmenti dwar il-kwalita tax-xoghol l-inkwiet inqala' ghaliex il-konvenut dam ma beda x-xoghol. Anke r-rapport tal-perit *ex parte* jindika iktar

xoghlijiet mhux kompluti milli affarijet ohra. Barra mill-fatt li l-istess perit ma giex prodott bhala xhud biex jikkonferma r-rapport id-difetti msemmija minnu huma wkoll indikazzjoni ta' xoghol mhux lest ghaliex per ezempju ma jistghux jitwahhlu *locks* jekk ix-xoghol ikun ghadu nofs lehja. Ghal hekk il-Qorti thoss li ma ghandha quddiemha ebda prova konvincenti li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 1640 (2) kif ukoll 1640 (4) billi l-konvenut thallas elf Lira Maltin (Lm1,000) qabel beda x-xoghol. L-istess konvenut a fol 47 indika x-xoghol li lahaq ghamel u l-ammonti dovuti lilu u b'kollox dawn jammontaw ghal tmien mija u tmienja u sebghin Lira Maltin (Lm878). Dan ma giex kontradett u kwindi meta wiehed japplika s-sub-artikolu 4 fuq imsemmi l-konvenut ghandu jirrifondi mija u tnax-il Lira Maltin (Lm112). Il-Qorti tifhem li b'hekk il-konvenut ikun thallas ghax-xoghol u l-materjal ta' dak li lahaq ghamel. Fir-rigward tat-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt din fil-fatt ma kienx hemm bzonnha ghaliex kif jindika l-Artikolu 1640 fuq imsemmi ladarba l-partijiet it-tnejn accettaw li jaghmlu dan, ma hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni gudizzjarja. Madankollu billi l-partijiet ma qablux li l-vertenza bejniethom kienet spiccat il-Qorti ghal kull *buon fini* ser taghmel dikjarazzjoni f'dan is-sens.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba u tiddikjara xolt il-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura s-somma ta' mija u tnax-il Lira Maltin (Lm112) lill-atturi; tichad it-tielet talba.**

**L-ispejjes jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mill-konvenut u erbgha minn hamsa (4/5) mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------